MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-4 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 879/2006

**Falzon Service Station Limited (C – 1731), u b'digriet tal-15 ta' Marzu, 2011, il-Qorti ordnat il-bdil ta' l-isem fl-okkju tal-kawza minn Falzon Service Station Limited ghal Falzon Group Holdings Limited**

**vs**

**Il-Bastiment Zebbug, IMO 7026613, tat-Tip URR Ro/Ro MM SI 2560 33000**
**U**
**s-socjeta` V.P.J. Limited (C – 11812) ghal kull interess li jista' jkollha**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Settembru, 2006, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet sintetikament is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti forniet "*fuel oil*" lill-bastiment intimat fuq indikat meta l-istess bastiment kien proprjeta` tas-socjeta` Sea Malta Company Limited u li sussegwentement inbiegh lis-socjeta` ko-intimata fuq indikata V.P.J. Limited;

2. Illi tali fornitura tikkwalifika bhala "*necessary*" biex teradika gurisdizzjoni ta' Qorti Maltija ghal azzjoni "*in rem*";

3. Illi s-socjeta` rikorrenti hi kreditrici fl-ammont ta' tnejn u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u erbghin Dollaru Amerikan u erbgha u sittin centezmu, ($22,449.64), ghal tali fornitura;

4. Illi s-socjeta` rikorrenti ntavolat Mandat ta' Qbid u Mandat ta' Impediment ta' Tluq ta' Bastiment kontra l-istess intimat kif indikati fir-rikors promotur fuq indikat;

5. Illi l-intimati ottjenew il-kontromandat opportun wara li pprezentaw Cedola ta' Depozitu u Garanzija Bankarja kif indikat fl-istess rikors promotur;

6. Illi s-socjeta` ntimata V.P.J. Limited, nonostante li estranea ghar-relazzjoni bejn il-kontendenti principali, xorta wahda tibqa' responsabbli ghall-ammont ta' fornitura nvoluta stante li arrikkiet ruhha ngustament peress li l-fornitura in dizamina kienet fil-bastiment de quo meta dan inxtara b'subbasta mis-socjeta` ko-intimata V.P.J. Limited;

Ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti talbet lil din il-qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli ghas-socjeta` rikorrenti

ghall-bejgh ta' "*fuel oil*" lill-imsemmi bastiment intimat fl-ammont indikat aktar qabel;
2. Tikkundanna lill-intimati solidament jew min minnhom biex ihallsu lis-socjeta` attrici l-ammont fuq indikat dovut ghal fornitura ta' "*fuel oi*l" skont ir-rata tal-kambju fid-data tal-fattura, bl-imghax dovut skont il-ligi;

3. Bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata kongunta tal-intimati datata t-3 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha sintetikament ippremettew u rrispondew bil-mod segwenti:

1. Illi l-"*fuel oil*" in dizamina gie fornit lis-socjeta` Sea Malta Company Limited u mhux lill-bastiment rikorrenti;

2. Illi s-socjeta` rikorrenti ma fadlilha l-ebda jeddijiet fil-konfront tal-vapur jew tas-sidien odjerni stante li l-vapur gie liberat minn kull dejn gravanti fuqu sas-subbasta;

3. Illi wara li s-socjeta` ntimata V.P.J. Limited xtrat il-bastiment de quo bis-subbasta "*tale quale*", "*as it lies*", u "*without reserve*" is-socjeta`de quo m'ghandha l-ebda pizijiet li taghhom trid taghmel tajjeb ghalihom meta xtrat l-imsemmi bastiment;

4. Illi ghalhekk, kwalunkwe drittijiet li s-socjeta` rikorrenti seta' kellha fil-konfront tal-bastiment intimat, dawn intilfu rrimedjabbilment malli gie konkluz il-bejgh bis-subbasta;

Illi konsegwentement sintetikament eccepew is-segwenti:

1. Illi l-bastiment de quo mhux legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u konsegwentement ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi s-socjeta` ntimata V.P. J. Limited ukoll mhix legittimu kontradittur ghat-talbiet tas-socjeta`

rikorrenti stante li ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-partijiet u ghalhekk hi wkoll ghandha tigi liberatea mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Illi l-intimati m'humiex debituri tas-socjeta` rikorrenti stante li jekk hemm xi debiti dovuti dawn huma dovuti mis-socjeta` Sea Malta Company Limited, is-socjeta` li maghha sar in-negozju li effettivament ta lok ghal din il-procedura;

4. Illi l-intimati m'ghamlu l-ebda arrikkiment indebitu;

5. Illi di piu`, s-socjeta` rikorrenti m'ghamlet xejn biex twaqqaf is-subbasta in dizamina;

6. Illi ma jezistux l-estremi tal-azzjoni *in rem*;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-30 t'Ottubru, 2007, li permezz tieghu, wara li rat it-talba appozita tal-intimati u wara li rat l-adezjoni ghall-istess mis-socjeta` rikorrenti, ordnat il-komunika necessarja biex ir-Registratur involut jaderixxi ruhu u b'hekk jipprezenta l-atti kollha tas-subbasta 60/06 fil-process odjern biex jigu allegati mieghu u jitqiesu prova fil-kawza odjerna;

Rat id-digriet ta' din l-istess qorti wkoll diversament preseduta datat it-22 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm espressi, ddikjarat il-provi tas-socjeta` rikorrenti maghluqa;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` rikorrenti wkoll datat it-22 ta' Novembru, 2007, li permezz tieghu ddikjara li s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex aktar provi x'tipproduci;

Rat il-verbal tal-abbli rapprezentant legali tal-intimati datat it-8 t'April, 2008, li permezz tieghu, wara li pprezenta l-affidavit hemm riferit, iddikjara li s-socjetajiet intimati m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu;

Rat il-kontroezami datat il-11 ta’ Novembru, 2008, mismugh minn din il-qorti diversament preseduta;

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-12 ta’ Marzu, 2009, li permezz tieghu, nonostante li l-abbli rapprezentanti taz-zewg partijiet kienu ddikjaraw li m’ghandhomx provi ohra x’jipproducu, (ara rispettivament fol 64 A u 66) innominat lill-assistent gudizzjarju maghha addet biex “ … jisma’ l-provi kollha f’din il-kawza”, (ara fol 80);

Rat il-verbal datat it-18 ta’ Novembru, 2009, fejn nonostante l-verbali tal-abbli rapprezentanti legali ndikati fil-paragrafu precedenti, l-assistent gudizzjarju riferit iddikjara li kien sema’ xi provi u li kellu seduti ohra ffissati ghal gbir ta’ aktar, (ara fol 81);

Rat il-provi u dokumenti mismugha mill-istess assistent gudizzjarju;

Rat il-verbal datat l-14 t’April, 2010, li permezz tieghu l-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi aktar xi jressqu u li l-kawza setghet tithalla ghas-sentenza bil-fakulta` ta’ noti, (ara fol 94), fejn gie wkoll stabbilit il-perjodu reciproku fejn il-partijiet kellhom jipprezentaw in-noti rispettivi taghhom;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata d-29 ta’ Settembru, 2010, (abbundantement wara l-iskadenza lilha mposta ghalkemm dan sar bl-avall ta’ din l-istess qorti diversament preseduta, (ara fol 117);

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti datat is-6 ta’ Jannar, 2011, li permezz tieghu talbet is-sostituzzjoni ta’ isem is-socjeta` rikorrenti fl-okkju tal-kawza u kull fejn jirrikorri bl-isem ta’ Falzon Group Holdings Limited, (ara fol 118);

Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat il-15 ta’ Marzu, 2011, fejn wara li l-abbli rapprezentant legali tal-intimati esprima n-nuqqas t’oppozizzjoni tieghu ghal din it-talba, laqghet l-istess talba kif prezentata;

Rat id-dikjarazzjoni kongunta tal-partijiet datata l-15 ta' Marzu, 2011, li permezz taghha regghu ddikjaraw li m'ghandhomx aktar provi x'jipproducu, (ara fol 121);

Rat id-digriet ukoll datat il-15 ta' Marzu, 2011, ta' din il-qorti diversament preseduta fejn regghet ikkoncediet lill-intimati tmien gimghat zmien biex jipprezentaw in-nota ta' sottomissjonijiet taghhom, (ara fol 121), kif sussegwentement ukoll ikkonfermat mill-istess qorti kif preseduta, permezz tad-digriet datat id-9 ta' Gunju, 2011;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimati datata l-15 ta' Frar, 2012;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi nonostante t-trapass ta' zmien riskontrat mill-bidu tal-kawza, ix-xhieda prodotta hi limitata ghall-pagna wahda kull wiehed mir-rapprezentanti tas-socjetajiet kontendenti u ghall-kontroezami verbuz u bla struttura dixxiplinata ta' wiehed minnhom – procedura li ghalhekk ghandu jkun pacifiku li **ma jiggustifikax** it-trapass ta' zmien riskontrat, (sitt (6) snin), sal-konkluzjoni tal-vertenza;

Ikkunsidrat:

Illi r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti sintetikament isostni s-segwenti:

1. Illi kien hemm relazzjoni kummercjali durevoli bejn is-socjeta` rikorrenti u s-Sea Malta Company Limited , (minn issa 'l quddiem Sea Malta);

2. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tforni lis-socjeta` Sea Malta bi prodotti ta' diesel u zejt, u l-hlas ghal dawn il- fornituri kienu jkunu b'lura;

3. Illi meta s-Sea Malta giet xolta, il-Gvern ghamel tajjeb ghall-pagamenti dovuti fir-rigward – bl-eccezzjoni tal-bastimenti Maltese Falcon u Zebbug;

4. Illi l-istess rapprezentant in dizamina fl-affidavit tieghu jsostni s-segwenti:

“Il-gvern irid ibiegh il-vapuri, u ahna kellna nithallsu mill-Gvern”;

5. Illi fir-rigward jirrizulta li ntlahaq ftehim bl-eccezzjoni ta’ l-ahhar fornitura li ha “ … peress li dawn kellhom jithallsu minn min xtara l-vapuri fis-subbasta …”, (ara fol 63);

6. Illi ghalhekk l-arrangament li s-socjeta` rikorrenti ghamlet mal-Gvern ghan-nom tas-Sea Malta kien li l-ahhar fornitura lill-bastiment Zebbug ma tkunx akkollata lill-Gvern izda lil min jixtrieh – f’dan il-kaz bis-subbasta;

Illi minn naha tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` ntimata jsostni sintetikament is-segwenti:

1. Illi wara li f’Dicembru 2005 is-Sea Malta giet falluta, zewg bastimenti taghha, fosthom l-M.V. Zebbug, inbieghu bis-subbasta;
2. Illi fl-irkant konsegwenzjali, s-socjeta` ntimata rnexxielha tispunta u xtrat il-bastiment de quo, ghall-ammont ta’ sitt mija u ghaxart elef Lira Maltin, (LM610,000.00);

3. Illi sussegwentement l-istess bastiment gie mibjugh lil socjeta` ohra;

4. Illi stante li l-bastiment inxtara mis-socjeta` ntimata bis-subbasta, din is-socjeta` ssostni li xejn ma hu minnha dovut lir-rikorrenti u li ghalhekk il-kawza odjerna ghandha tkun indirizzata xi mkien iehor;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li l-oggett meritu tal-vertenza odjerna hu bastiment – l-M.V. Zebbug – li nxtara mis-socjeta` ntimata V.P.J. Limited bil-procedura ta’ subbasta;

Illi ghall-ekonomija tal-gudizzju ssir referenza ghall-artikolu 364 tal-Kap 12 li jistabbilixxi sintetikament is-segwenti:

"Il-bejgh … tal-bastiment … skont id-dispozizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu (il-bejgh approvat mill-qorti ghal vapuri, bastimenti u ingenji tal-ajru), jaghti lix-xerrej titolu li ma jkunx aggravat minn kull privilegg jew piz, u wara l-bejgh il-pretensjonijiet … kollha kontra … il-bastiment … jistghu jigu ezegwiti kontra r-rikavat tal-bejgh **biss**";

Illi ghalhekk ghandu jkun ovvju li l-procedura odjerna, ndirizzata kif inhi kontra s-socjeta` kompratrici rebbieha tal-bejgh bl-irkant in dizamina mhix il-procedura idonea;

Illi l-Kap 12 gia` abbundantement u bi kjarezza haseb ghal sitwazzjoni bhal dik hawn rizultanti fejn jirrizulta b'mod car li r-rimedju li jippostula mhux dak intrapriz mis-socjeta` rikorrenti;

Illi fic-cirkostanzi l-azzjoni relattiva moghtija lis-socjeta` rikorrenti hi dik li tippersegwixxi r-rikavat tal-bejgh **biss** – u xejn aktar;

Illi ghalhekk il-procedura hawn intrapriza ma treggix nonostante li jista` jirrizulta li din l-istess socjeta` rikorrenti setghet giet raggirata fit-trattattivi li tghid li kellha mal-Gvern – haga tassew deplorevoli – li kuntrarju ghal negozjaturi ohra hu dejjem obbligat jagixxi *in buona fede*;

Illi ghalhekk l-azzjoni odjerna ghandha tkun indirizzata b'mod differenti u mhux kontra l-intimati odjerni;

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, filwaqt li takkolji t-talbiet tal-intimati, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, bl-ispejjez.

Kopja Informali ta' Sentenza

___________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------